BIRKIRKARA

*Minuti tat-Tmienja u Erbgħin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 25 ta' April 2016 fis-6pm.*

| | ***Il-Membri*** |
|---|---|
| ***Is-Sindku*** | *Is-Sinjura Joanne Debono Grech* |
| ***Il-Kunsilliera*** | *Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)*<br>*Is-Sur Michael Fenech Adami*<br>*Is-Sur Kaylocke Buhagiar*<br>*Is-Sur Liam Gauci*<br>*Dr. Josianne Cardona Gatt (Assent skużat)*<br>*Is-Sur Mark George Abdilla (Assent skużat)*<br>*Is-Sur Anthony Buttigieg*<br>*Is-Sur John Mary Calleja*<br>*Is-Sur Herbert Conti*<br>*Is-Sur John Mizzi*<br>*Is-Sinjura Marie Claire Zammit*<br>*Is-Sur John Borg* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar*** | *Is-Sur Matthew Mangion (Assent skużat)* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys*** | *Dott. Francesca Zarb (Assent skużat)* |
| ***L-Uffiċċjal: Segretarju Eżekuttiv*** | *Is-Sur Neil Spiteri* |

*Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Kaylocke Buhagiar. u s-Sinjura Josianne Cardona Gatt. Il-Kunsilliera is-Sur Mark George Abdilla u Dr.Josianne Cardona Gatt kienu assenti skużati.*

*Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sur Matthew Mangion kien assent skużat.*
*Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet skużata*

*Għal xi ħinijiet tal-laqgħa, kienu preżenti s-Sur Ray Pellicano, u s-Sur Christian Vella, konsulenti.*

*Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.*

BIRKIRKARA

## Talba

*Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.*

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 47

*1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 47, ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament.*

## 2. Kunsiderazzjoni u affarijiet li jirriżultaw mill-minuti

*2.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv biex fil-każ tat-town twinning mal-belt minn Ġorġja, niktbu lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ħalli nassiguraw illi ż-żjara tal-Ġorġjani f'Malta ma tiġix tiswa flus lill-Kunsill.*

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

*3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li waqt li konna għaddejjien bil-bankina f'Ta' Paris fi Triq l-Aħwa Cannataci instadd drenaġġ u żewġ persuni għamlu claim ta' 60Ewro lill-Kunsill għax kellhom jiftħuh. Peress illi dan ix-xogħol ta' bankini sar mill-ħaddiema tal-Kunsill, il-Kunsill qabel illi l-Kunsill jikkumpensa lil dawn il-persuni b'60Ewro.*

## 4. Korrispondenza

*5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna talba minn Transport Malta għal traffic management ħdejn is-supermarket SMART li tinvolvi T-Junction. Kien hemm diskussjoni dwar din it-talba. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li din il-pjanta diġa ġiet approvata mill-MEPA u Transport Malta u mhiex issue li se tolqot direttament lir-residenti. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ma qablitx u qalet li Transport Malta kienet għadha ma approvatiex u riedet il-parir tal-Kunsill għax ma setgħetx tieħu deċiżjoni waħedha. Il-Kunsillier is-Sur John Borg staqsa x'miżuri kienet fi ħsiebha tieħu Transport Malta biex jekk tgħaddi din l-ideja, timplimentaha għax ma jixtieqx li min bi żball joħroġ u jdur minn Triq Ganu lejn l-iSMART jeħel ċitazzjoni from day one. Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi wera preokkupazzjoni illi mit-triq Bwieraq lanqas ma tista' titla 'l fuq. Finalment ġie deċiż illi qabel ma niddeċiedu jekk għandniex nikkonsultaw man-nies, niltaqgħu ma' Transport Malta u nikkjarifikaw il-mistoqsijiet.*

*5.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li rċevejna ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati illi għall-attivita' "Birkirkara maż-żminijiet" il-Kunsill tagħna se jingħata sponsor ta' 3,000Ewro. Dan wara li l-applikazzjoni tal-Kunsill intlaqgħet minn bord ta' evalwazzjoni.*

*5.3 Inqrat ittra mill-Istreet Naming Committee fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub jagħti isem ieħor għal Misraħ it-Tiġieġ minħabba xi ilmenti li rċevew li qed jitħallat ma' Sqaq it-Tiġieġ. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan u se jikteb biex ma jkunx hemm kambjamenti.*

## 5. Proġett Ta' Paris

*5.1 Is-Sur Ray Pellicano qal illi l-Proġett Ta' Paris qed jinħadem bit-tender tar-resurfacing li għandna mal-V&C. Madankollu hemm xi rati neqsin u allura se nużaw ir-rati li hemm fil-framework agreement ta' Transport Malta li ġeneralment huma inqas għoljin. Hu qal li l-ewwel fażi ta' Ta' Paris se tiġi tiswa 135,000Ewro inkluża l-VAT. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li għax-xogħol li qed isir, din l-ispiża tidher għolja għax fi żmienu sar il-Proġett ta' l-Istazzjon bl-istess prezz. Hu qal li l-Perit tal-Kunsill missu fetaħ għajnejn is-Sindku li din hi ġennata.*

## 6. Proġett Stazzjon

*6.1 Is-Sur Ray Pellicano qal illi rigward Ġnien Stazzjon fejn se jsir bidla tal-pavviment kellna l-ħsieb li nużaw il-kuntratt mal-V&C imma qal illi meta ra r-rati differenti għandna nikkonsidraw li noħorġu tender iddedikat għalih.*

*6.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li meta hu kien Sindku ma konniex noqogħdu noħorġu tender għal kull ħaġa ħlief fuq proġetti ffinanzjati mill-U.E. Żvolġiet diskussjoni għax is-Sur Ray Pellicano ta parir li f'Ta' Paris naħdmu bil-kuntratt tal-V&C u x-xogħol l-ieħor joħroġ b'tender.*

*6.3 Żvolġiet diskussjoni anke fuq il-proġetti tal-Wied fejn is-Segretarju Eżekuttiv tqabbad jiccekkja jekk bil-UIF għandniex bil-fors noħorġu tender dedikat għall-proġett.*

## *7. Migrazzjoni għal e-tenders*

*7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fuq fuq kif se taħdem is-sistema ta' e-tendering, fejn prattikament il-kaxxa tradizzjonali tat-tenders se tiġi eliminata biex il-proċess isir kollu minn fuq l-internet. Huwa qal ukoll li qed jistenna kjarifika mid-Dipartiment dwar jekk l-opening staff illi xogħlhom se jkun biss li jiftħu l-kaxxa virtwali u ma jistgħux jieħdu sehem fl-aġġudikazzjoni, għandhomx ikunu ta' bilfors kunsilliera. Kien hemm qbil fil-Kunsill illi kif ikollna iktar tagħrif niddeċiedu.*

## *8. Tender BLC 2-15, Ġbir ta' Skart, Appell*

*8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ħabbret illi l-Kunsill ingħata raġun dwar il-mod ta' kif evalwajna t-tender ta' ġbir ta' skart, u s-sentenza tal-Public Contracts Review Board ikkonfermat li t-tender se jingħata lil WM Environmental. Hija qalet li issa l-pass li jmiss huwa li niltaqgħu ma' min rebaħ it-tender ħa niftehmu meta se jibda.*

## *9. Tender BLC 001-2016 Youth Empowerment*

*9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għal dan it-tender applikat persuna waħda, is-Sur Charles Grech, li żamm l-istess prezz ta' 14Ewro –il siegħa. Kulħadd qabel li t-tender jerġa' jingħata lis-Sur Charles Grech.*

## *10. Tender BLC002-2016 Decorative and Architectural External Lighting*

*10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal dan it-tender applikaw żewġ kumpaniji, fejn waħda tefgħet prezz ħafna aħjar minn oħra. Dawn huma Calleja Ltd. u Brighter Solution. Madankollu l-Kunsill għalissa ma jistax jieħu deċiżjoni għax hemm bżonn kjarifika teknika mingħand l-irħas operatur. Id-deċiżjoni ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.*

## *11. Ftuħ uffiċċjali Fleur De Lys Gate*

*11.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono qalet li kollox jinsab lest għall-Ftuħ Uffiċċjali tal-Fleur de Lys Gate l-Ħamis 28 ta' April 2016 fis-sitta u nofs seated. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li jispera li s-Sindku żżomm mal-protokoll ta' kif se tpoġġi lin-nies, bis-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech twieġeb illi hi se żżomm ma' kif ġew impoġġija n-nies fl-attivita tal-monument ta' Anthony Mamo.*

## *12. Kwotazzjoni VOIP*

*12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm tliet kwotazzjonijiet għal sistema ġdida tat-telefonija fuq l-internet, Comsec, Micro Technology u PAL.*

*12.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab biex qabel ma tiġi aġġudikata din l-offerta, is-Segretarju Eżekuttiv jerġa' jiċċekkja sew għax suppost il-PABX diġa' taħdem b' cards tal-go u tal-vodafone. Is-Segretarju ma sabx oġġezzjoni u se jerġa' jiċċekkja.*

## 13. *Kwotazzjoni Arja Kundizzjonata għas-Sala tal-Kunsill*

*13.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hemm bżonn ta' arja kundizzjonata fis-Sala l-Kbira tal-Kunsill għaldaqstant se titlob lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ sejħa għall-aħjar offerta. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.*

## 14. *Aġġustamenti finanzjarji proposti mill-udituri*

*14.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella qal illi kemm fil-mid term audit meta spiċċa Arthur Pizzuto u wkoll fl-audit ta'l-aħħar tas-sena, l-udituri talbu xi aġġustamenti. Wieħed mill-aġġustamenti kien għaliex ma daħħalniex l-audit fee tagħhom ta' 3840 ewro li l-accountant qal li kien nesiha u aġġustment ieħor mitlub kien f'dak ta' l-LES fejn sabu differenza ta' 1300Ewro. Dawn mhumiex aġġustamenti kbar u ma għandhomx effett fuq ir-riżultati annwali. Aġġustament ieħor mitlub kien fuq il-multa tal-Heritage Route ta' 8300Ewro li l-accountant kien qed juriha bħala telf imma fil-verita' tnaqqset mill-grant. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru dawn l-aġġustamenti.*

## 15. *Staff tal-Kunsill (Mandy Carly Spiteri)*

*15.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-impjegata tal-Kunsill li qegħda fuq unpaid leave, Mandy Carly, talbet li tibqa' bl-unpaid sa Jannar 2017. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li din se tkun problema għax il-volum ta' xogħol li hawn hawnhekk huwa kbir. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li pprova illi Mandy taħdem imqar erba' siegħat kuljum imma kien għalxejn. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab li l-Kamra tkun sospiża. Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ barra mill-kamra ħalli s-suġġett ma jinfluenzahx. Meta rritorna huwa*

*ġie mgħarraf illi t-talba ta' Mandy Carly ma ġietx aċċettata u kellu jiċċekkja mad-dipartiment il-pass li jmiss.*

## 16. *Bye Law Ħamiem*

*16.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hawn ħafna garr fuq il-ħamiem slavaġ li jġibu ħmieġ u mard meta jkunu f'numri kbar bħal ma hawn f'Birkirkara u qed tipproponi li nibdew it-triq għal bye law biex ħadd ma jkun jista' jitma' ħamiem selvaġġ. Is-Segretarju għamel abbozz fuq bye-laws simili li diġa hemm Tas-Sliema, il-Furjana u l-Belt u se jibda l-proċess billi jibgħatha d-dipartiment.*

## 17. *Football Euro Village*

*17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġejna avviċinati minn xi ħadd li xtaqt jagħmel Euro Village fejn jintwerew il-logħob tal-kampjonat Ewropej fil-Ġnien l-Istazzjon, madankollu għadna kif ġejna infurmati li dan l-individwu biddel il-ħsieb u ma hu se jsir xejn.*

## 18. *Approvazzjoni tal-Pagamenti*

*18.1 Qabel ma ġew diskussi l-pagamenti, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami tkellem dwar ir-reġjun u dwar safety assessments li se jibdew isiru fuq kull min jarma krejn u scaffolding fit-toroq. Għall-bidu dawn se jkunu trial runs. Hu semma wkoll li r-reġjun ħadem fuq programm apposta li jirregola kif l-istaff joħroġ il-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv wera interess u se jibda l-proċess biex jinxtara dan il-programm.*

*18.2 Il-Petty Cash skeda 34 ġiet approvata unanimament fuq proposta tal-kunsilier is-Sur Liam Gauci ssekondata mill-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.*

*18.3 Rigward il-lista tal-pagamenti numru 51 Guard and Warden, il-Kunsillier is-Sur John Mizzi xtaq spjegazzjoni. Is-Segertarju Eżekuttiv qal illi dan kien servizz ta' gwardjan għall-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Huwa qal illi meta staqsa, sab li fis-snin ta' qabel il-Kunsill kien ħallashom ukoll, u hekk ġara din is-sena. Din l-ispjegazzjoni ġiet aċċettata u l-iskeda għaddiet b'mod unanimu fuq proposta ta' Rita Borg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.*

## *19. Aġġornament*

*19.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm u ġiet aġġornata sine die.*

Iffirmata

*Joanne Debono Grech*
*Sindku*

Iffirmata

*Neil Spiteri*
*Segretarju Eżekuttiv*

*Segwi l-laqgħat live fuq*
***http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/***